MALTA WEIGHTLIFTING ASSOCIATION

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Laqgħa Ġenerali Annwali MWA
19 ta' Jannar 2023

Rapport mill-President u s-Segretarju għas-sena ta' ħidma mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022.

Kompetizzjonijiet

Kompetizzjonijiet lokali

Matul is-sena 2022, ġew organizzati sitt` kompetizzjonijiet lokali.

1) **19 ta' Frar; *YOUTH & JUNIOR* competition**
2) **20 ta' Frar; *SENIOR* competition**
3) **23 ta' April; OPEN Championship**
4) **20 ta' Awissu; TEAM competition**
5) **24 ta' Settembru; Int. *RANKING Competition***
6) **20 ta' Novembru; National Championship**

Il-MWA tirringrazzja lit-tim ta' voluntiera li dejjem ikunu hemm sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt dawn il-kompetizzjonijiet sabiex ikunu ta' suċċess.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Kompetizzjonijiet Internazzjonali

1) Jannar; ***Commonwealth Qualification – Derby – England***
2) April; IWF Street Event – Lausanne - Switzerland
3) Mejju; IWF World Junior Championships – Crete - Greece
4) Mejju; EWF European Senior Championships – Tirana - Albania
5) Gunju; IWF World Youth Championships – Leon - Mexico
6) Lulju; A Counia Cup – A Corunia - Spain
7) Lulju; European Union Cup – Leon - Spain
8) Lulju/Awissu; Commonwealth Games – Birmingham – England
9) Awissu; EWF European Youth Championships – Raszyn - Poland
10) Settembru; Ljubjana Open – Ljubljana - Slovenia
11) Ottubru; EWF European Junior Championships – Durres – Albania
12) Novembru; European Small Nations - Limassol – Cyprus
13) Dicembru; IWF World Senior Championships (OQ) – Bogota - Columbia

Kampijiet ta' Taħriġ

1) Lulju; Leon - Spain
2) Lulju; Rome - Italy
3) Settembru; Ljubljana - Slovenia

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Rendikont Annwali

Jannar

Bdejna mill-ewwel bil-kompetizzjoni internazzjonali ġewwa Derby l-Ingilterra. Kompetizzjoni li kienet importanti għall-kwalifikazzjoni tal-Commonwealth Games. Ħadu sehem l-atleti: Rylee Borg, Elisia Scicluna, Roberta Tabone u Tenishia Thornton flimkien mal-kowċis, Rodmar Pulis u Jesmond Caruana. Ir-riżultati kienu posittivi ħafna.

Frar

Ġew organizzati żewg kompetizzjonijiet lokali, waħda għaż-żgħażagħ u atleti ġodda u oħra għal atleti adulti. Dawn il-kompetizzjonjiet huma importanti ħafna sabiex ikomplu jimmotivaw lill-atleti filwaqt li jgħinu sabiex il-livell ikompli jogħla.

Marzu

L-uniku xahar tas-sena fejn ma kienx hemm kompetizzjonijiet pero` il-ħidma baqgħet għaddejja u matul dan ix xahar ġew organizzati eżamijiet ta' teorija għall-uffiċjali tekniċi

April

Yazmin Zammit Stevens ġiet mistiedna mill-IWF sabiex tkun ambaxxatura tal-weightlifting u tiehħu sehem fil-kompetizzjoni ta' promozzjoni li saret ġewwa Lausanne, fl-Svizzera. Il kompetizzjoni kienet team event, għalhekk Yazmin refgħet mal- atleta Meso Hassona tal-Qatar. Bħala team irnexxielhom jirbħu din il-kompetizzjoni.

F'April ġie organizzatt ukoll b'success il-Malta Open Championship.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Mejju

Żewg kompetizzjonijiet internazzjonali, Tenishia Thornton kienet l-ewwel atleta Maltija li ikkompetiet fil-kampjonat tad-dinja għal Juniors li saru ġewwa Heraklion – Kreta. Inkiseb riżulat tajjeb ħafna fejn l-atleta, fil-kategorija 55 kilo refgħet 81kilo Snatch li bih kisbet is-sitt post u bit-total ta' 180 kilo kisbet it-tmien post. Inkisru ukoll rekords tal-commonwealth.

Ġunju

Matul dan ix-xahar inkiseb l-aktar success prestiġjuż fl-istorja tal-weightlifting Malti meta għall-ewwel darba, l-atleta Tenishia Thornton rebħet il-kampjonat tad-Dinja fil-kategorija 55kilo ġewwa Leon fil-Messiku. L-atleta iddominat il-kompetizzjoni b' total ta' 178 kilo, seba' kilos aktar mill-atleta Eġizzjana li spiccat fit-tieni post b' 171 kilo u 10 kilos aktar mil-atleta tal-Messiku li ġiet fit tielet post b'168kilo.

Jesmond Caruana mar Tirana ġewwa l-Albanija sabiex ikun jista' jivvota fil-kungress elettorali tal- (IWF) Federazzjoni Internazzjonali tal-Weightlifting.

Lulju

Dan ix-xahar kien impenjattiv ħafna, l-atleti Yazmin Zammit Stevens, Roberta Tabone, Elisia Scicluna, Anton Micallef, Shaun Ciantar flimkien mal-kowċ Matthew Camilleri ħadu sehem fil-La Corunia Open ġewwa Spanja. Dawn il-kompetizzjonijiet kienu importanti ħafna għal Shaun u Anton sabiex ikomplu jgħollu l-livell tagħhom biex ikunu iktar kompetittivi fil-kampjonat tal-Pajjiżi iż-Żgħar Ewropej. Għal Yazmin, Roberta u Elisa, din kienet ta' importanza akbar peress li l-logħob tal-Commonwealth kienu ħafna aktar fil-qrib. Barra l-kompetizzjoni, dawn l-atleti kellhom ukoll l-opportunita' li jkomplu l-preparazzjoni tagħhom għal dan il-logħob permezz ta' kamp ta' taħriġ li sar ġewwa l-belt ta' Leon, Spanja.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Fl-istess belt ta' Leon, ġie organizzat ukoll il-Kampjonat tal-Unjoni Ewropeja fejn Malta ħadet sehem bl-atleti: Rylee Borg, Tenishia Thornon u Kim Camilleri Lagana. Huma kienu akkompanjati mill-kowċ Jesmond Caruana. Ġew organizatti wkoll seminars li kienu immexija minn Rodmar Pulis u Yazmin Zammit Stevens. Il-kompetizzjoni kienet waħda ta' livell għoli. Fl-ewwel kompetizzjoni, Kim Camilleri Lagana refgħet 116 kilo u kisbet ir-raba' post, 0.30 punt biss il-boghod mil-midalja tal-Bronż. Rylee Borg kien it tieni atleta li ikkompeta u refa' total ta' 222 kilo. Hu spicca fis-seba' post b'287.85 punt. L-aħjar riżultat ġie minn **Tenishia Thornton li refgħet 178 kilo u kisbet l-ewwel post b' 250.17 punt. Hija iddominat il-kompetizzjoni fejn għamlet 29 punt aktar mil-atleta segwenti Franciza.**

Wara din il-kompetizzjoni it-tim magħmul minn Tenisia Thornon, Rylee Borg, Kim Camilleri Lagana, Yazmin Zammit Stevens, Elisia Scicluna, Roberta Tabone flimkien mal-kowċ Jesmond Caruana baqgħu sejrin Ruma għal-kamp ta' taħriġ ieħor bi preparazzjoni għal-loghob tal-Commonwealth u għal kampjonat Ewropew tal-Youths.

Il-kwalifikazzjoni tal-atleti, Elisia Scicluna, Roberta Tabone, Tenishia Thornton u Yazmin Zammit Stevens fil-logħob tal-Commonwealth kien suċċess prestiġġjuż għal-weightlifting Malta għaliex għall-ewwel darba fl-istorja Malta kienet ser tiġi rappreżentata b'erba' atleti f'erba' kategoriji differenti. Tenishia Thornton fil-59kg, Yasmin Zammit Stevens fil- 64kg, Roberta Tabone fil- 71kg u Elisia Scicluna fil- 87+kg. L-atleti kienu kollha akkumpanjati mill-kowċ Jesmond Caruana. L-ewwel fl-azzjoni kienet Tenisha Thornton li għalija din kienet l-ewwel esperjenza, hi refgħet 178 kilo u kisbet it-tmien post minkejja li kienet l-iżgħar atleta. Yazmin Zammit Stevens kellha riżulat posittiv fejn refet 186 kilo u kisbet is-sitt post. Roberta Tabone kellha ukoll riżultat posittiv fejn refgħet 191 kilo u spiċċat fi-tmien post. Elisia Scicluna kellha riżulat posittiv fejn refgħet 185 kilo u spiċċat fl-għaxar post. Andrea Caruana kienet magħżulha bħala uffiċjal tekniku għal waqt il-kompetizzjonijiet tal-Commonwealth.

Awissu

Matghul dan ix-xahar inkiseb suċċess ieħor kbir li ġie imnaqqax fl-istorja tal-weightlifting Malti, meta għall-ewwel darba, l-atleta **Tenishia Thornton rebħet il-kampjonat tal-Ewropa fil-55kilo**

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Youth u Kim Camilleri Lagana rebħet ukoll l-istess titlu fil-kategorija 40kilo. Dan mhux biss, Lagana rebħet ukoll it-titlu tal-aqwa atleta femminili overall tal-Under 15 bil-punteġġ ta' 522 ROBI Pionts, 15-il put aktar mit-tieni post, fost 69 atleta. Dawn il-kamjonati kienu organizzati ġewwa il-belt ta' Raszyn fil-Polonja. Kim Camillerri Lagana kienet l-ewwel atleta fix-xena fejn irnexxielha terfa' 111 kilo u terbaħ fidda u tnejn deheb. **Tenisha Thornon refgħet 176 kilo, 4 kilos aktar mill-atlteta Taljana li kisbet it-tieni post, Thorton rebħet tlitt midalji tad-deheb.** Fis-sezzjoni maskili, Rylee Borg ukoll kellu prestazzjoni tajba fil-kategorija 73 kilo fejn refa' 218 kilo u spiċċa fit-13-il post**.**

Dan ix xahar ġiet organizatta ukoll il-kompetizzjoni lokali ghat-timijiet.

Settembru

Grupp ta' atleti marru għall- kamp ta' taħrieġ ta' ġimgħa li kien akkumpanjat ukoll minn kompetizzjoni ġewwa Ljubljana fis-Slovenja sabiex ikomplu jgħollu il-livell tagħhom, kif ukoll iżidu l-esperjenza f' kompetizzjonijiet internazzjonali. L-atleti fit-tim kienu, Aaliyah Gatt, Kaya Curmi Inguanez, Mariah Bugeja, Rheanna Briffa u Nathan Mifsud, huma kienu akkumpanjati mil- kowċ Rodmar Pulis.

Dan ix xahar ġiet ukoll organizatta il-kompetizzjoni lokali ranking qabel il-bidu tas-sena skolastika.

Ottubru

Tenisha Thornton ikkompetiet fil-European Juniors li saru ġewwa Durres, Albania. Hija kienet akkumpanjata mil-kowċ Jesmond Caruana. Il-kompetizzjoni kienet ta' livell għoli ħafna, għaldaqstant l-atlete irnexxiela tikseb il-ħames post fil-kategorija 55kilo, b'total ta' 176 kilo. Din kienet l-aħħar kompetizzjoni għal Thornton fil-kategorija 55 kilo fejn issa se tkun qed tħares biex tikseb livell aktar għoli fil-kategorija 59kilo.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Novembru

Tim magħmul minn Shaun Ciantar, Anton Micallef, Rylee Borg, Tenishia Thornton u Roberta Tabone ikkompetew fil-European Small Nations li ġew organizzati minn Cipru. **L-aħjar riżultat ġie minn Tenishia Thornton li rebħet l-unur ta' 'Best Woman In Competition' bil-punteġġ ta' 255 punt, 21 punt aktar mill-avversarja Islandiża li kisbet it-tieni post. Roberta Tabone wkoll irnexxiela tikseb it-tielet post overall fil-kategorija femminili, wara l-istess atleta Islandiża. Riżultat ieħor posittiv wasal fid-doubles femminili fejn Tenishia Thornton flimkien ma' Roberta Tabone kisbu l-ewwel post b' punteġġ ta' 487 punt, 24 aktar mill-avversarji tal-Islanda.** It-Tim tal-irġiel magħmul minn Rylee Borg, Shaun Ciantar u Anton Micallef wkoll kellhom prestazzjoni tajba ħafna fejn akkwistaw it-tielet post fil-kategorija maskili. Fil-mixed event, it-tim Malti kiseb it-tielet post, punt biss anqas mil-avversarji tal-Islanda. F'dawn il-kampjonati it-tim Malti kien akkumpanjat mis-segretarju ġenerali tal-European Small Nations, Jesmond Caruana u l-kowċ Rodmar Pulis.

Fl-istess xahar saru wkoll il-kampjonati Nazzjonali ta' Malta li għal darba oħra kienu ta' suċċess fuq ħafna aspetti li jinkludu: riżultati inkoraġġanti fejn inkisru numru sabiħ ta' rekords nazzjonali, numru sabiħ ta' parteċipanti specjalment atleti żgħażagħ, u numru sabiħ ta' voluntiera li ġew jgħinu fl-armar u fit-tmexxija tal-kompetizzjoni.

Diċembru

Tenishia Thornton ikompetiet fil-kampjonati tad-Dinja ġewwa Bogota fil-Columbia. Din kient kompetizzjoni importanti ħafna peress li hija l-ewwel kwalifikazzjoni għall-Olimpjadi li ser issiru ġewwa Pariġi fl-2024. Thornton ikkompetiet fil-kategorija 59 kilo u għamlet riżultat ferm sabieħ fejn ġew merfugħa 84kilo Snatch u 104Kilo Clean&Jerk. B`dawn il riżultati irnexiela tikser il rekords tal-Commonwelth. Hija kisbet il-33post fost 52 atleta.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

FONDI

Il-fondi allokati minn SportMalta għall-kompetizzjonijiet internazzjonali kienu ta' €15,000.

Il-fond tal-KOM għall-parteċipazzjoni internazzjonali kien ta' €14,000.

Fond tal-KOM youths kienu ta €4,400.

Fond tal-KOM għal preparazzjoni tal-Commowealth kien ta' €5,000.

Fond mill-IWF għal parteċipazzjoni ta' Tenishia Thornton għal kampjonat tad-dinja fil-Columbia għal kwalifikazzjoni Olimpika kien ta' madwar €5700.

Fondi ta €2200 mill-EU għal għajnuna fil-proġett PROSVAWE li għandu primarjament l-għan li jippromwovi l-weightlifting bħala dixxiplina sportiva, b'enfasi speċjali fuq il-weightlifting li tista' tgħin lill-gruppi vulnerabbli jgħollu l-kundizzjonijiet soċjali, u s- saħħa fiżika u mentali tagħhom.

Taħriġ għat-tfal

Il-weightlifting jinsab fil-programm ta' Sport Malta fis-sezzjoni ta' #ONTHEMOVE u #SUMMMERONTHEMOVE.

Iċ-ċentru tal-Kottonera qed jaħdem ħafna fuq dan il-proġett permezz ta' Rodmar Pulis li huwa il-*koordinatur* f`dan il-qasam. Inħossuna kuntenti li qed naraw ammont ta' tfal li qiegħed dejjem jiżdied u li qed jingħataw il-possibilita' li jitħarrġu b'mod regolari.

Min-naħa l-oħra waħda mill-ikbar problemi li konna, u għadna qed naffaċċjaw bħalissa, hi n-nuqqas ta' spazju ġewwa l-gym tal-Kottonera.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

SUĊĊESSI OĦRA

Lokali

Għal darba oħra l-weightlifting Malti reġa' kien fil-finali tal-iSport Malta Awards permezz ta' Tenishia Thornton, Jesmond Caruana, Rodmar Pulis, Rylee Borg u it-tim tal-European Small Nations. L-okkażjoni tal-finali ġiet organizzata fil-lukanda Corintia San Ġorġ. Tenishia Thornton rebħet l-unur tal-aqwa żagħżugħa tas-sena. Jesmond Caruana iklassifika fit-tieni post fil-kategorija Ufficjal tas-sena. Din kienet trasmessa dirett fuq TVM. Din hija promozzjoni tajba ħafna għall-isport tagħna fejn qegħdin nuru li aħna fost l-aqwa sport ta' suċċessi f'Malta.

Is-serata mill-Kumitat Olimpiku Malti.

Tenishia Thornton rebhet (Special Award u Gold Award).

Kim Camilleri Lagana (Silver Award)

Tim tal-European Small Nations magħmul minn Anton Micallef, Vlad Baldacchino, Shaun Ciantar, Yazmin Zammit Stevens u Roberta Tabone (Silver Award)

Yazmin Zammit Stevens (Bronze Award) flimkien ma' Ċertifikat għall-parteċipazzjoni fil-Logħob Olimpiku.

Nifirħu wkoll lil Yasmin Zammit Stevens li ġiet magħżulha bħala ambaxxatriċi tal-Federazzjoni Internazzjonali tal- Weightlifting. Kif ukoll, hi ġiet eletta fil-kummissjoni tal-atleti fi ħdan l- IWF.

Nifirħu ukoll lil Tenishia Thornton li kienet magħżula bħala ambaxxatriċi tal-isport minn SportMalta waqt il-ġimgħa tal-#BEACTIVE.

Nifirħu lil Elisia Scicluna li wara s-success sabiex għamlet l-aħjar tagħha fil-logħob tal-Commonwealth irnexxiela tilħaq Spettur tal-Pulizija.

Nifirħu lil Andrea Caruana li kisbet il-liċenzja internazzjonali ta' Referee Kategorija 2.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

TGĦARIF U STATISTIKA

- **Rekords Nazzjonali:** Is-suċċess tal-isport jista' jitkejjel b'ħafna sistemi.
  Pero` ovjament, meta jinkisru record nazzjonali jidher biċ-ċar li l-livell tal-atleti qiegħed dejjem jiżdied. Matul din is-sena inkisru 265 rekord nazzjonali mifruxa fuq atleti differenti ta' kull eta'. 158 rekord minnhom ġew miksura waqt kompetizzjonijiet internazzjonali.

- **Ranking:** Numru sabiħ ta' atleti qiegħdin itejbu ir-ranking tagħhom b'mod speċjali dawk li laħqu u qabżu il-livell Bronż. Tenishia Thornton, għat-tielet sena konsekuttiva, kisbet il-livell 'Diamond'. Nixtiequ li aktar atleti jimxu fuq il-passi ta' din l-atleta u jibqgħu jistinkaw sabiex jilħqu dawn il-livelli.

- **Doping** – In- NADO għamlet diversi testijiet fuq numru t'atleti tal-MWA waqt kompetizzjonijiet lokali, kif ukoll saru testijiet waqt kompetizzjonijiet internazzjonali. Ir-riżultati tal-membri tal-għaqda kienu kollha fin-negattiv.

  MWA hi kburija bl-atleti u l-membri tagħha għax jifhmu u jafu li m'għandhomx jirrikorru għall-ebda sustanza, biex jiksbu riżultati tajbin; minkejja li d-dinja sportiva, f'kull tip ta' sport, qed tiġi bbumbardjata min-numru ta' każijiet pożittivi ta' teħid ta' sustanzi.

MALTA WEIGHTLIFTING ASSOCIATION

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

PJAN U PROPOSTI 2023

Bħal ma tistgħu taraw il-ħidma fi ħdan il-MWA qed ma kull sena tiżdied.

Ħdimna ħafna matul is-sena, u dan jidher biċ-ċar fiż-żieda kemm fin-numru tal-atleti kif ukoll fir-riżultati miksuba. Nkomplu naħdmu biex nattiraw aktar atleti ta' eta' żgħira, minħabba li minnhom irid jifjorixxi il-weightlifting, kif ukoll aktar sforz mill-atleti u mill-kowċis preżenti sabiex jintlaħaq l-għola livell possibbli.

Issa qed jidher biċ-ċar li il-livell tal-atleti qiegħed jikber u għaldaqstant se jkun hemm sfidi finanzjarji ġodda sabiex dawn l-atleti ikunu jistgħu jikkompetu u jġibu unuri f'kompetizzjonijiet kbar. Nemmnu li l-għaqda ser tagħmel l-aħjar li tista' u żgur li mhux ser tkun qed tuża flus fuq atleti li għal raġunijiet varji ma' jagħtux prijorita` lil dan l-isport.

Naħdmu aktar biex it-taħriġ isir b'mod aktar professionali, waqt li huwa ferm importanti li nissapportjaw lil xulxin, jitnaqqas it-taħrig individwali, u naħdmu aktar fi gruppi biex b'hekk nkunu nistgħu nimmotivaw 'il xulxin u nimxu aktar 'il quddiem.

Il-MWA qiegħdha hemm biex taħdem għall-ġid tal-weightlifting u lesta toffri kull għajnuna possibli lil dawk l-atleti żgħażagħ li jridu jaħdmu biex itejbu l-livell. L-għajnuna u s-sapport ta' kulħadd huma importanti biex ninkoraġixxu lill-atleti li għandom l-aħjar ċansijiet. Il-livelli huma għoljin pero' nemmnu li jekk l-atleti jippreparaw bi pjan tajjeb u kontinwazzjoni fit-taħriġ tagħhom, iċ-ċansijiet għal riżultati aħjar dejjem jikbru.

Flimkien mal-pjan għas-sena 2023, wieħed jista' jsib numru ta' proposti li bħala għaqda se tkun qed tħares u timplimenta sabiex tassigura l-ogħla livell ta' taħriġ u suċċessi għall-atleti, kowċis, uffiċċjali u voluntiera.

Naħdmu biex jiżdied in-numru ta' atleti tfal kemm waqt it-taħriġ kif ukoll f'kompetizzjonijiet lokali.

MALTA WEIGHTLIFTING ASSOCIATION

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

COTTONERA SPORTS COMPLEX
COTTONER AVENUE
BORMLA BML9020
MALTA

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Titkompla u intejbu l-promozzjoni tal-weightlifting fuq il-midja soċjali. Din hi mportanti ferm għaliex nkunu qed nolqtu udjenzi differenti f'ħin qasir, lokalment u barra minn xtutna.
Nassiguraw livell għoli ta' taħriġ billi jkomplu jiġu organizzati seminars u kampijiet ta' taħriġ għall-atleti, kowċis, referees u uffiċċjali; kemm lokali kif ukoll barra minn xtutna.

Dan kollu jista' jkun possibbli biss jekk nkomplu naħdmu flimkien biex inżidu l-livell ta' suċċessi li dan l-isport qed jikseb, kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali.

GĦELUQ

Nixtiequ nagħlqu billi uffiċjalment nirringrazzjaw lill-atleti, kowċis, ufficjali, membri, familjari u kull min b'xi mod jew ieħor ta sehem u qed jagħti dak li jista' biex il-weightlifting jibqa' jikber u jimxi 'l quddiem.

Grazzi kbira oħra tmur lill-membri kollha tal-kumitat li dejjem kienu hemm b'dedikazzjoni u għas-sehem tagħhom f'deċiżjonijiet importanti.

Iżda fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, grazzi lill-Kumitat Olimpiku Malti, Sport Malta u l-Federazzjonijiet Internazzjonali li żgur mingħajr l-għajnuna tagħhom ma jkunx possibli nwettqu din il-ħidma mal-membri tagħna.

Grazzi tal-attenzjoni,

_____
Jesmond Caruana
President

_____
Matthew Camilleri
Segretarju Ġenerali